Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 135/15

**Golden Harvest Mfg Co Ltd (C176)**

**(soċjeta` appellata)**

**vs**

**Adam u Tracey konjuġi Cuschieri**

**(appellanti)**

6 ta' Ottubru 2017.

1. **Din il-kawża titratta talba għar-rimborż ta' diversi ħlasijiet ta' kontijiet tad-dawl u ilma li soċjeta` attriċi ssostni li kellhom jitħallsu mill-konvenuti.**

2. Fil-kawża li ppreżentat fl-4 ta' Mejju 2015 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) is-soċjeta` attriċi talbet li l-konvenuti Cuschieri jiġu kkundannati jħallsuha s-somma ta' €3,874.74, rappreżentanti s-somma ta' diversi pagamenti magħmula minnha lil ARMS Ltd għas-servizz tad-dawl u tal-ilma mogħti:

   i) fil-fond magħruf bħala "Anthony Garage", bl-indirizz Triq Reid, Gzira, u
   ii) fil-fond magħruf bħala Golden Harvest Store, bl-indirizz 1, Triq Nazju Ellul, Gżira

   għall-perjodu li fih l-istess konvenuti kellhom il-pussess tal-imsemmija fondi. Bl-ispejjeż u l-imgħax skont il-liġi.

3. Fir-risposta tagħhom tat-18 ta' Ġunju 2015 il-konvenuti wieġbu:

   i) fl-ewwel lok, biex is-soċjeta` attriċi ikollha azzjoni ta' rivalsa kontrihom għandha tipprova li effettivament ħallset il-kontijiet in kwistjoni;

ii) fit-tieni lok, l-ammont pretiż mhux dovut stante li kien hemm ftehim bejn il-kontendenti li s-soċjeta` attriċi tħallas tali kontijiet a saldu ta' ameljorament li huma wettqu f' wieħed mill-fondi[1];

iii) fit-tielet lok, il-fond l-ieħor[2] qatt ma ntuża minnhom, u l-konvenut Adam Cuschieri kellu biss struzzjonijiet mis-soċjeta` attriċi biex iżomm iċ-ċavetta tiegħu sabiex jiftaħ il-fond biex jinqraw il-meters tad-dawl u l-ilma.

4. Fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2016 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u laqgħet it-talbiet tas-soċjeta` attriċi. Bl-ispejjeż u l-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti *in solidum*.

5. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u talbu lil din il-qorti sabiex tħassar is-sentenza, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom u tiċħad it-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata.

6. Is-soċjeta` attriċi fis-17 ta' Awwissu 2016 wieġbet biex tgħid illi l-appell tal-konvenuti Cuschieri huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi respint bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti appellanti.

7. **L-aggravji tal-konvenuti appellanti huma s-segwenti:**

*(i) Ma kellhomx iħallsu iktar kontijiet ta' dawl u ilma wara r-refurbishment*

Il-konvenuti appellanti jispjegaw li kien hemm ftehim verbali bejn il-partijiet li huma kellhom ibiegħu il-prodotti tas-soċjeta` attriċi mill-ħanut tal-Golden Harvest tas-soċjeta` attriċi stess; u ftehim verbali ieħor fejn huma aċċettaw li joħorġu ammont konsiderevoli ta' flus biex isir *refurbishment* fl-imsemmi ħanut. Isostnu pero` illi in vista ta' dan il-ftehim dwar ir-*refurbishment* fejn huma ħarġu s-somma ta' €18,000 is-soċjeta` attriċi kienet assigurathom li ma kellhomx iktar jibqgħu iħallsu kontijiet ta' dawl u ilma kif kienu jagħmlu qabel.

[1] jidher li qed jirreferu għall-ħanut "*Golden Harvest Store*"
[2] jidher li qed jirreferu għall-fond "*Anthony Garage*"

Jaċċennaw għall-fatt li wara r-*refurbishment* is-soċjeta`attriċi qatt ma talbithom iħallsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma.

Jaċċennaw ukoll għall-fatt li l-ittra ta' rakkomandazzjoni datata 24 ta' Ġunju 2014 li għamlet is-soċjeta` attriċi favur il-konvenut u jargumentaw illi (kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel qorti) dan juri li sa tali data ma kien hemm l-ebda pendenza bejniethom. Jispjegaw li fil-fatt l-ittra uffiċjali saret f' Jannar 2015.

Jaċċennaw ukoll għall-fatt illi l-kawża infetħet f'Mejju 2015 u tirrigwarda kontijiet mill-2012 sal-2015, u li mid-dokumenti jirriżulta li (wara r-*refurbishment*) is-soċjeta` attriċi mill-ewwel kienet qegħda tħallas il-kontijiet hi. Jargumentaw illi kieku kien hemm xi ftehim li dawn kellhom jibqgħu jitħallsu minnhom, ma kinitx ser tħallashom is-soċjeta` attriċi stess. (Jispjegaw illi saż-żmien meta sar il-ftehim dwar ir-refurbishment is-soċjeta` attriċi kienet tgħaddi l-kontijiet lilhom u dawn kienu jitħallsu minnhom.)

Jiġbdu ukoll l-attenzjoni għall-fatt li d-direttur tas-soċjeta` attriċi xehed li l-ammonti dovuti huma €2413.19 u €1044.69 (li flimkien jagħmlu <u>€3457.88)</u>, mhux €3874.74 kif mitlub fit-talba.

*(ii)* *<u>Qatt ma kien hemm ftehim fir-rigward tal-kamra (garaxx)</u>*

Il-konvenuti appellanti jsostnu li għalkemm parti mis-somma mitluba mis-soċjeta` konvenuta tirrigwarda kontijiet ta' dawl u l-ilma fir-rigward ta' "*Anthony Garage*", bl-indirizz Triq Reid, Gżira, qatt ma kien hemm xi ftehim li huma kellhom iħallsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma ta' dan il-fond għaliex fil-fatt qatt ma kien hemm ftehim biex huma jużaw tali kamra. Jaċċennaw għall-fatt li l-meter tad-dawl u tal-ilma li jinsab f'dan il-garaxx kien għall-fabbrika tal-Golden Harvest stess u m'għandux x'jaqsam mal-ħanut li kien operat

minnhom. Jispjegaw illi għalkemm huma kellhom iċ-ċavetta ta' dan il-fond li jinsab ukoll il-Gżira, dan kien sabiex ikunu jistgħu jiftħu lil tal-*meter reader.*

(iii) L-ispejjeż

Fid-dawl tal-provi prodotti, li skont il-konvenuti ma jsostnux il-pretenzjoni tas-soċjeta` attriċi, il-konvenuti appellanti jinsistu li l-ewwel qorti kellha tordna li l-ispejjeż jitħallsu mill-istess soċjeta` attriċi.

**Sfond:**

8. Is-soċjeta` attriċi hija proprjetarja ta':

(i) ħanut (ossia *confectionery)* bl-isem "*Golden Harvest*" bl-indirizz 1, Triq Nazju Ellul, Gżira (kantuniera ma' Misraħ Turu Colombo, Gżira); u

(ii) "*Anthony Garage*" (ossia kamra) bl-indirizz Triq Reid, Gżira, li kif jidher mill-i*screenshots* Dok AC1 u AC2[3] Triq Reid tagħti għal ġo Misraħ Turu Colombo.

9. Dawn il-postijiet qeghdin fl-istess blokk, ġo Misraħ Turu Colombo, wieħed ftit bibien bogħod mill-ieħor (il-konvenut fil-fatt xehed li hemm madwar seba' metri (7m) bogħod bejn il-ħanut u l-garaxx, ossia kamra b'bieb tal-ħġieġ).

10. Oriġinarjament is-soċjeta` attriċi kellha l-fabbrika tagħha f' din il-blokka u fil-fatt l-arloġġi tad-dawl u tal-ilma relattivi għall-istess fabbrika jinsabu fil-garaxx (ossia kamra) fuq imsemmi.

11. Fis-sena 1997 sar ftehim verbali bejn is-soċjeta` attriċi u l-konvenuti fis-sens li l-konvenuti jieħdu f'idejhom u jmexxu l-ħanut (*confectionery*) tas-soċjeta`

[3] Fol 49 u 50

attriċi u jibdew ibiegħu ix-xogħol tagħhom minnu. Il-ftehim kien li l-konvenuti ma jħallsu l-ebda kera għal dan il-ħanut, iżda li jbiegħu biss il-prodotti tas-soċjeta` attriċi. (Il-konvenut xehed li kien iħallas is-soċjeta` attriċi tax-xogħol li jieħu mingħandha u kien jagħmel profitt ta' bejn 15% u 20%.)

12. Fir-rigward tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma relattivi għall-imsemmi ħanut, fil-bidu dawn kienu jinqasmu bejn is-soċjeta` attriċi u l-konvenuti, iżda sussegwentement il-konvenuti aċċettaw li jħallsu l-kontijiet kollha huma.

13. F'xi żmien is-soċjeta` attriċi għalqet il-fabbrika li kellha fl-imsemmi blokk, u rrilokat għal San Ġwann. Hija għaddiet iċ-ċavetta tal-garaxx (kamra) lill-konvenuti.

14. Fis-sena 2011[4] sar xogħol ta' tkabbir u ta' *refurbishment* fil-ħanut. Is-soċjeta` attriċi kienet avviċinat lill-konvenuti u insistiet magħhom li jikkontribwixxu għat-tkabbir u għar-*refurbishment* tal-ħanut. M'huwiex kontestat li kemm is-soċjeta` attriċi u kif ukoll il-konvenuti ħarġu l-flus għal dan it-tkabbir u *refurbishment*.

15. Il-konvenuti ma ppreżentaw l-ebda riċevuti tal-ispejjeż li għamlu minn buthom f'dan ir-rigward għalkemm fix-xiehda tiegħu il-konvenut qal li nefqu madwar tmintax-il elf euro (€18,000).

16. Is-soċjeta` attriċi invece ppreżentat xi riċevuti (Dok MA1-MA4) li minnhom jirriżulta li saru xogħlijiet strutturali (twaqqiħ ta' ħajt u installar ta' travi), xogħol ta' *plumbing* (inkluż twaħħil ta' sinkijiet[5]), u anke xogħol ta' *finishing* (kisi bil-ġibs, żebgħa, twaħħil ta' madum[6], installazzjoni ta' dawl etc).

---

[4] (Dok MA1-MA4) Riċevuti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi huma datati 2011.

[5] fix-xiehda tiegħu Mark Aquilina spjega li għalkemm l-ispejjeż tat-twaħħil tas-sinkijiet għamlithom is-soċjeta` attriċi, is-**sinkijiet** inxtraw mill-konvenuti

[6] fix-xiehda tiegħu Mark Aquilina spjega li għalkemm l-ispejjeż tat-twaħħil tal-madum għamlithom is-soċjeta` attriċi, il-**madum** inxtara mill-konvenuti.

17. Mill-2012 'il quddiem il-konvenuti ma baqgħux iħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

18. Fl-2014 il-konvenuti talbu lis-soċjeta` attriċi tagħmlilhom ittra ta' rakkomandazzjoni. Mark Azzopardi kiteb ittra fuq *letter head* tas-soċjeta` attriċi datata 24 ta' Ġunju 2014 li taqra hekk:

*"TO WHOM IT MAY CONCERN"*

*This is to certify that Mr Adam Cuschieri, holder of ID no. 354971M, residing at Casa Cuschieri, 2, San Ġwann Mamo Street, Iklin, Malta, has been working with the company as Gżira Branch Operator, from August 1997 up to date.*

*During his contract with the company, he has always worked hard to increase sales of our products in the shop, which he has always kept well organised and in a good state of repair and cleanliness."*

19. Il-konvenuti ddeċidew li ma jibqgħux bil-ħanut għaliex ġiethom opportunita` oħra ta' xogħol. Fil-fatt għal nofs is-sena 2015 ħarġu mill-proprjeta`. (Fix-xiehda tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2015, Mark Aquilina xehed li ħarġu "*xi tliet xhur ilu"*.)

*20.* Skont il-konvenuti, meta telqu mill-ħanut ħadu dawk l-affarijiet kollha li setgħu jieħdu mill-affarijiet li kienu ħarġu l-flus għalihom (bħal per eżempju *fridges*), iżda ħallew b' madwar sitt elef euro (€6,000) affarijiet. Il-konvenut xehed hekk: "*Għax jiena ħallejt sitt elef qed nikkalkula, bejn madum, bejn affarijiet li għamilt jiena, hallejt sitt elef affarijiet li għamilt jiena hemmhekk".*

21. Sa qabel Mejju 2015 ma jirriżultax li s-soċjeta` attriċi qatt ivvantat xi pretenzjonijiet kontra l-konvenuti. Madanakollu fl-4 ta' Mejju 2015 l-attriċi pproponiet il-kawża għall-ħlas ta' €3,874.74 rappreżentanti kontijiet tad-dawl u ilma relattivi kemm għall-ħanut (*confectionery*) u wkoll (ii) għall-garaxx/kamra qrib tagħha. Il-kontijiet ikopru l-perjodu mill-14 ta' Awwissu 2012 sal-14 ta' Frar 2015.

22. Skont Mark Aquilina is-soċjeta` attriċi effettivament ħallset dawn il-kontijiet kollha lill-ARMS Ltd. Mistoqsi x' inhu l-ammont wieġeb: €2413.19 u €1044.69[7].

**Verżjonijiet tal-kontendenti fir-rigward tal-pretenzjoni attriċi:**

*Il-konvenuti:*

23. B'referenza għall-ammont pretiż b'riferenza għall-kontijiet tad-dawl u ilma relattivi għall-ħanut (*confectionery*), il-konvenuti jsostnu li dawn mhux dovuti għaliex sar ftehim ma' Mark Aquilina li, *"mill-kontijiet li jiena kont inħallas qabel jitnaqqsu sakemm jiena inpattu dawk l-ammont ta' flus li jiena ħallast, minn l-ammonti tal-flus tal-ħanut".* Il-konvenut xehed ukoll li nefaq cirka €18,000.

24. B'referenza għall-ammont pretiż b'referenza għall-kontijiet tad-dawl u ilma relattivi għall-garaxx (kamra), li skont il-konvenut fiha madwar erbgħa piedi b'sebgħa (4' x 7'), il-konvenuti jsostnu li dawn ukoll mhux dovuti għaliex dan il-post qatt ma ntuża minnhom, u li għalkemm kellhom iċ-ċavetta tiegħu, din kienet sempliċiment ingħatat lilhom meta l-fabbrika rrilokat għal San Ġwann, sabiex ikunu jistgħu jiftħu l-fond biex jinqraw l-arloġġi tad-dawl u l-ilma li hemm fiha. Fix-xiehda tiegħu in kontro-eżami l-konvenut innega li kien jużah bħala *store*, u aċċenna għall-fatt li għandu bieb tal-ħġieġ li faċilment jista' jinfaqa'.

*Is-soċjeta` attriċi:*

25. Is-soċjeta` attriċi da parti tagħha tiċħad li qatt kien hemm ftehim verbali bejnha u bejn il-konvenuti fis-sens illi l-ispejjeż li ħarġu għar-*refurbishment* kellhom jinqatgħu mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u għalhekk tippretendi li dawn kellhom jibqgħu jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuti.

[7] liema ammonti flimkien jagħmlu total ta' **€3457.88**

26. Dwar il-garaxx (kamra), s-soċjeta` attriċi ssostni li ġialadarba dan kien fil-pussess tal-konvenuti dawn għandhom iħallsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma relatati għalih. Għalkemm jidher li f' dan il-garaxx kien hemm arloġġi tad-dawl u ilma relatati mal-fabbrika, kontro-eżaminat, Mark Aquilina spjega dan il-garaxx kellu *sub-meter*. (Jidher li b'dan irid ifisser li l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma relatati għal dan il-garaxx jirreferu għall-konsum tad-dawl u tal-ilma li sar proprju mill-istess garaxx.)

**<u>Konsiderazzjoni tal-qorti.</u>**

27. Il-qorti wara li qieset il-provi kollha miġbura fid-dawl tal-pretenzjonijiet attriċi tosserva:

***<u>Dwar il-kontijiet relattivi għall-ħanut (confectionery):</u>***

- Il-verżjonijiet dwar kif il-konvenuti kienu jħallsu l-kontijiet huma għal kollox differenti minn xulxin.

- Mark Aquilina ippreżenta kontijiet li jmorru lura għall-perjodu li jibda fl-14 ta' Awissu, 2012, u meta xehed fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2015 ta x'jifhem li dawk il-kontijet li kellhom fuqhom "Paid" kienu dawk li tħallsu mill-attriċi u meritu tal-kawża. Il-presunzjoni hi li ladarba d-dawl u ilma kien qiegħed jintuża mill-konvenuti, allura għandhom iħallsu l-kontijiet. L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenuti, ċjoe' li kien hemm ftehim li l-kontijiet tad-dawl u ilma tal-ħanut ser jitħallsu mill-attriċi talli l-konvenuti nefqu s-somma ta' €18,000 f'miljoramenti li saru fih.

- L-aħjar indizju li għandhom il-konvenuti favur il-verżjoni li taw hu li mhemmx prova li l-attriċi kienet tathom il-kontijiet fiż-żmien li ħallsithom. Pero' min-naħa l-oħra:

  - Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, m'hemmx prova sodisfaċenti li l-konvenuti nefqu €18,000 f'miljoramenti. Kieku riedu l-konvenuti

kellhom kull opportunita' li jressqu xhieda u provi dokumentarji, bħal kontijiet u ħlasijiet li għamlu biex juru li saru dawk l-ispejjeż kollha.

- Jidher li x-xogħlijiet saru matul is-sena 2011 (ara dokumenti a fol. 68-72). Din fiha nnifisha hi indikazzjoni li kemm fiż-żmien u wara r-*refurbishment* il-konvenuti ħallsu kontijiet ġialadarba ma jifformawx meritu ta' din il-kawża.

- L-attriċi stess għamlet spejjeż fil-fond. Mid-dokumenti li ppreżenta l-attur hemm spejjeż viċin l-għaxart elef ewro (€10,000). Dokumenti li ma ġewx kontestati mill-konvenuti u anzi istoqsi dwarhom il-konvenut wieġeb: *"Jiena ma dħaltx fiha pero' nassumu li veru nefqu"*.

- Il-qorti tistaqsi kemm hu verosimili li l-attriċi kienet ser tidħol fi ftehim bħal dak mal-konvenuti, meta kif rajna hi stess nefqet eluf ta' ewro fi spejjeż ?

- Il-ftehim li l-konvenut qal li sar, kien ikun ifisser li fir-realta fl-aħħar tal-ġurnata ma kienu ser ikunu għamlu l-ebda spejjeż. Għaldaqstant, x'kien hemm bżonn li jsir il-ftehim li semma l-konvenut, ġialadarba l-attriċi għamlet spejjeż ?

- Lanqas ma rriżulta per eżempju li l-konvenuti taw rendikont u kopja tal-irċevuti tal-ispejjeż li għamlu. Probabbilment li kieku seħħ il-ftehim li semmew il-konvenuti, dan kien isir sabiex jiġi determinat kemm kien l-ammont ta' dawl u ilma li l-attriċi kellha tkopri.

Il-konvenut għamel ukoll aċċenn għal-*letter of reference* li tatu s-soċjeta attriċi datata 24 ta' Ġunju, 2014 fejn jingħad: *"During his contract with the company, he has always worked hard to increase sales of our products in the shop, which he has always kept well organised and in a good state of repair and cleanliness"*. Pero' din mhijiex prova li l-konvenuti ma kinux debituri tal-attriċi. Lanqas m'hemm prova li dak kien proprju iż-żmien meta l-konvenuti ma

baqgħux joperaw mill-ħanut. Anzi Mark Aquilina xehed (22 ta' Ottubru, 2015) li l-konvenuti *"ħarġu mill-proprjeta xi tliet xhur ilu"*[8]. Verżjoni mhux kontradetta. Inoltre fl-ittra lanqas ma jingħad li l-konvenuti m'humiex debituri tal-attriċi.

Il-qorti qrat kemm-il darba l-atti u minkejja l-fatt li hu veru li l-attriċi ma talbitx il-ħlas minnufih, tali prova mhijiex biżżejjed biex tikkonkludi li l-konvenuti taw prova sodisfaċenti li seħħ il-ftehim li dwaru xehed il-konvenut. Fejn jibqa' dubju m'hemmx bażi suffiċjenti sabiex din il-qorti tiddisturba d-diskrezzjoni li l-ewwel qorti għandha fl-apprezzament tal-provi. Hu magħruf li jrid jkun hemm raġunijiet gravi biex din il-qorti tiddisturba d-deċiżjoni tal-qorti fejn l-appell ikun bażat fuq apprezzament tal-provi. Fil-każ in eżami mhemmx dak ix-xenarju.

Għal dak li jirrigwarda l-ħlasijiet li jidher li l-attriċi qegħda tippretendi għall-konsum ta' dawl u ilma fil-ħanut, fir-rikors tal-appell il-konvenuti qalu: *"Wieħed jiġbed l-attenzjoni li ma ġewx ippreżentati l-irċevuti oriġinali u lanqas ma ġie prodott bħala xhud r-rappreżentant tal-Arms. Huwa jixhed li l-ammont dovut huwa €2,413.19 u €1044.69 li jiġu 3,457.88 Ewro mentri fit-talba ġiet indikata is-somma ta' 3,874.74 Ewro. L-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba kif kienet indikata fit-talba. Il-kontro-eżami sarlu fis-7 ta' April, 2016"*. *"Mela l-ammont globali huwa two four one three point one nine u one zero four four point six nine"*.

Hu veru li ma tressaqx bħala xhud rappreżentant tal-Arms Limited sabiex jagħti tagħrif dwar xi ħlasijiet saru fil-perjodu in kwistjoni. Il-ħlasijiet li saru mill-attriċi jirriżultaw mill-istess kontijiet (ara dik il-parti tal-kont bil-kliem *"Pagamenti effettwati/Payments received").* Ladarba l-attur iddikjara x'inhu l-ammont dovut, f'dan ir-rigward l-ilment tal-konvenut hu ġustifikat.

***<u>Dwar il-kontijiet relattivi għall-garaxx (kamra):</u>***

[8] Fol. 13.

- Fir-rigward tal-garaxx (ossia kamra bil-bieb tal-ħġieġ), il-konvenuti kellhom iċ-ċavetta ta' din il-kamra. Il-konvenuti Cuschieri ċaħdu li kienu jagħmlu użu minn din il-kamra.

- L-ewwel qorti skartat il-verżjoni tal-konvenuti li huma kellhom iċ-ċavetta ta' dan il-fond sempliċiment sabiex jiftħu lill-*meter reader*. Ikkummentat illi:

  *"ma tantx jidher illi l-intimati kienu qed jiftħu l-garage sabiex jinqara l-meter, peress illi jidher illi l-kontijiet kollha minn fol 17 sa fol 25, li jirrigwardaw tali fond, salv kont wieħed, kienu kollha "estimated" u mhux "actual" sinjal illi dana ma infetaħ minn ħadd meta mar il-meter reader."* [9]

- Il-qorti tosserva illi anke fir-rigward tal-kontijiet relattivi għall-ħanut *(confectionery)* mhux il-kontijiet kollha huma "*actual*". Fil-fatt tnejn biss huma "actual".[10] Fit-tieni lok anke kieku l-konvenuti ma kinux qegħdin jiftħu l-garaxx għall-qari tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma, dan ma jfissirx awtomatikament li kienu allura qegħdin jiftħuh għal skopijiet oħra li jinvolvu l-konsum tad-dawl u tal-ilma.

- Skont ma xehed Mark Aquilina, f'din il-kamra kien hemm sub-meter biex jirreġistra l-konsum tal-konvenuti. Dan meta ġie mistoqsi in kontro-eżami jekk mill-istess servizz tad-dawl kienet tinqeda l-fabbrika tal-Golden Harvest. Jekk 'l hekk imsejħa kamra kellha sub-meter, kif qal Mark Aquilina, allura dak dovut mill-konvenuti kellu jiġi kalkolat skont ir-reading fuq is-sub-meter u mhux il-kont li kien joħroġ minn ARMS Limited.

- Mill-provi rriżulta wkoll kif din il-kamra fiha daqs ta' ċirka erba' piedi b'seba' piedi. Il-qorti ma tarax kif fil-perjodu li għalih qiegħed jintalab il-ħlas, il-konvenuti setgħu akkumulaw kont ta' aktar minn elf ewro (€1,000) meta mhemmx prova li din il-kamra kienet qegħda effettivament tintuża.

---

[9] effettivament fir-rigward tal-garaxx: 5 mill-kontijiet huma mmarkati "E" – Estimated;
3 mill-kontijiet huma mmarkati "N"- No Reading; u
1 mill-kontijiet huwa mmarkat "A" – Actual;

[10] effettivament fir-rigward tal-ħanut: 5 mill-kontijiet huma mmarkati "E" – Estimated;
5 mill-kontijiet huma mmarkati "N" – No Reading; u
2 mill-kontijiet huma mmarkati "A" – Actual;

**<u>Konklużjoni:</u>**

28. **Għal dawn il-motivi din il-qorti tilqa' l-appell tal-konvenuti Cuschieri parzjalment, u tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti fis-sens li tikkundannahom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' elfejn erba' mija u tlettax-il ewro (€2,413). Għal kumplament tiċħad it-talba tal-attriċi.**

29. **L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu ghal 62% a karigu tal-konvenuti u 38% a karigu tal-attriċi.**

Anthony Ellul.